**12 ta' Mejju, 1958**

**Imħallef:—**

**Onor. Dr. A. Magri, B.Litt., LL.D.**

Antonio Micallef

*versus*

Avukat Dr. Riccardo Farrugia et ne.

**Ġurisdizzjoni — Lokazzjoni — Mara — Kompetenza — Art. 775(a) tal-Proċedura Ċivili.**

*Jekk jirriżulta illi, meta saret iċ-ċitazzjoni, il-konvenut ma kienx f'dawn il-Gżejjer, u ma jiġix pruvat illi huwa in segwitu rritorna, u lanqas jiġi pruvat li l-konvenut għandu d-domiċilju tiegħu f'dawn il-Gżejjer, jew li s-sentenza jista' jkolla hawnhekk l-eżekuzzjoni tagħha, il-Qrati lokali huma inkompetenti jieħdu konjizzjoni tat-talba minħabba nuqqas ta' ġurisdizzjoni. Xejn ma jiswa li fil-mori tal-kawża l-konvenut ikun ħallas xi ħaġa akkont tal-kreditu dedott kontra tiegħu; għaliex dan mhux biżżejjed biex jirradika din il-ġurisdizzjoni; u anki kieku wieħed seta' jirritjeni li dan il-ħlas jammonta għal rikonoxximent ta' din il-ġurisdizzjoni u rinunzja taċita għall-eċċezzjoni tal-inkompetenza,*

*jibqa' dejjem illi, anki fin-nuqqas ta' eċċezzjoni, il-Qorti għandha tiddikjara l-inkompetenza tagħha "ex officio".*

*Jekk id-domanda hija għall-ħlas ta' kera, u ssir kontra r-raġel imsiefer u kontra l-mara li baqgħet f l-post, ladarba l-lokazzjoni saret lir-raġel, avvolja l-Qorti tiddikjara l-inkompetenza tagħha di fronti għar-raġel, il-mara għandha tiġi liberata mid-domanda, għax dejjem jibqa' li legalment għall-ħlas ta' dak il-kera jibqa' tenut ir-raġel.*

Il-Qorti:— Rat iċ-ċitazzjoni, li biha l-attur talab li l-konvenut ikun kundannat iħallas lill-attur is-somma ta' £32, import ta' erbgħa xhur kera tal-appartament mobilit, dovuti bil-quddiem miż-17 ta' Ottubru 1955 saż-17 ta' Jannar 1956, fuq il-bażi ta' £8 fix-xahar. Bl-ispejjeż kontra l-konvenuti;

*Omissis;*

Ikkunsidrat, dwar in-nuqqas ta' ġurisdizzjoni oppost mill-konvenuti kuraturi;

Illi, *kif jidher mir-rikors tal-attur (fol. 6), meta* saret iċ-ċitazzjoni l-konvenut Sydney Latham ma kienx f'dawn il-Gżejjer, u ma ġiex pruvat illi huwa in segwitu rritorna f'dawn il-Gżejjer; lanqas ġie pruvat illi l-konvenut għandu hawn id-domiċilju tiegħu, jew li s-sentenza jista' jkollha hawnhekk l-eżekuzzjoni tagħha; għalhekk *l-eċċezzjoni* fuq miġjuba tinsab sostnuta. Xejn ma jiswa illi fill-mori tal-kawża l-konvenut ħallas lill-attur is-somma ta' £214; għaliex dan mhux biżżejjed biex jirradika l-ġurisdizzjoni f'din il-Qorti. Però, anki kieku, kif issottometta l-attur, dan il-ħlas kien *jista' jammonta* għal *rikonoxximent ta' din il*-ġurisdizzjoni, u rinunzja taċita għall-eċċezzjoni tiegħu, jibqa' dejjem illi, f'każ bħal-preżenti, anki fin-nuqqas ta' eċċezzjoni l-Qorti għandha "ex officio" tiddikjara l-inkompetenza tagħha (art. 775(a) Proċ. Ċiv.);

Illi, kwantu għall-konvenuta, l-attur xehed illi l-lokazzjoni ġiet stipulata mal-konvenut, u l-irċevuti tal-kera saru f'ismu (fol. 22). Veru illi l-konvenut siefer u ħalla fil-post lill-martu; iżda anki hawn l-attur xehed illi din

sakemm siefret dejjem ħallsitu, apparti dejjem il-konsiderazzjoni illi legalment għal dak il-ħlas kien obligat il-konvenut żewgħa;

Għal dawn il-motivi;

Tilqa', għar-rigward tal-konvenut, l-eċċezzjoni opposta mill-kuraturi in rappreżentanza tiegħu, u tiddikjara li fill-konfront tiegħu din il-Qorti ma għandhiex ġurisdizzjoni;

U tillibera lill-konvenuta Lily Latham mid-domanda dedotta fiċ-ċitazzjoni;

L-ispejjeż jitħallsu mill-attur.